



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14230/23

LIMITE

UK 208
TRANS 420

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0316 (NLE)

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, dwar l-adattament tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-takografu intelliġenti 2

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq
stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea
u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda,
u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra,
dwar l-adattament tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-takografu intelliġenti 2**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni li bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni”), ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021.
- (2) Skont il-punt (c) tal-Artikolu 468(5) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, stabbilit skont il-punt (o) tal-Artikolu 8(1) ta' dak il-Ftehim, jista' jiddeċiedi dwar miżuri mmirati lejn is-salvagwardja tal-funzjonament xieraq tat-Titolu I tal-Intestatura Tlieta tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.
- (3) Il-punt (b) tal-Artikolu 465(1) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedi li s-sewwieqa li jwettqu vjaġġi kif imsemmi fl-Artikolu 462 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jridu jikkonformaw mar-regoli dwar l-użu tat-takografi f'konformità mat-Taqsimiet 2 sa 4 tal-Parti B tal-Anness 31 ta' dak il-Ftehim. Skont l-Artikolu 466(2) ta' dak il-Ftehim, il-vetturi li jagħmlu vjaġġi bħal dawn iridu jkunu mgħammra b'takografu f'konformità mat-Taqsima 2 tal-Parti C tal-istess Anness.

¹ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2).

- (4) Skont il-punt (a) tal-Artikolu 3(1) u l-punt (f) tal-Artikolu 3(2) tat-Taqsima 2 tal-Parti C tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-vetturi li jwettqu vjaġġi kif imsemmi fl-Artikolu 462 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni li jkunu rreġistrati għall-ewwel darba aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ tal-ispeċifikazzjonijiet dettaljati msemmija fl-Artikolu 2(2), il-punt (h) tat-Taqsima 4 tal-Parti B tal-Anness 31 ta' dak il-Ftehim, jiġifieri l-21 ta' Awwissu 2023, iridu jkunu mgħammra b'takografu intelliġenti 2.
- (5) It-takografu intelliġenti 2 huwa definit fis-subparagrafu (h) tal-Artikolu 2(2) tat-Taqsima 4 tal-Parti B tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Ir-raba' inċiż ta' dak is-subparagrafu jipprevedi li tali takografi jridu jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, kif adattat minn Deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).

- (6) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/799¹ stabbilixxa, fl-Anness I C tiegħu, l-ispeċifikazzjonijiet għat-takografu intelliġenti 1 u ġie adattat fl-Appendiċi 31-B-4-3 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1228², li jirreferi għalih l-Artikolu 2(2)(h) tat-Taqsima 4 tal-Parti B tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, ġie adottat ukoll abbażi tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 165/2014. Bl-emendar tal-Anness I C tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/799, huwa stabbilixxa l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati tat-takografu intelliġenti 2. Dan daħal fis-seħħ fid-19 ta' Awwissu 2021. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/980³ introduċa miżuri tranżizzjonali addizzjonali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I C tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/799 kif emendat jiġi adattat b'Deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, skont is-subparagrafu (h) tal-Artikolu 2(2) tat-Taqsima 4 tal-Parti B tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, ir-raba' inċiż.

¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/799 tas-18 ta' Marzu 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-kostruzzjoni, l-ittestjar, l-installazzjoni, l-operazzjoni u t-tiswija ta' takografi u l-komponenti tagħhom, (ĠU L 139, 26.5.2016, p. 1).

² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1228 tas-16 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/799 fir-rigward tar-rekwiżiti għall-kostruzzjoni, l-ittestjar, l-installazzjoni, l-operazzjoni u t-tiswija ta' takografi intelliġenti u l-komponenti tagħhom (ĠU L 273, 30.7.2021, p. 1).

³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/980 tas-16 ta' Mejju 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/799 fir-rigward ta' takografu intelliġenti tranżizzjonali u l-użu tiegħu għall-Awtentikazzjoni tal-Messaġġi ta' Navigazzjoni b'Servizz Miftuħ ta' Galileo u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1228 (ĠU L 134, 22.5.2023, p. 28).

- (7) Jixraq għaldaqstant li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, billi l-att se jkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (8) Tagħmir li jiżgura r-reġistrazzjoni awtomatika tal-qsim tal-fruntieri, ir-reġistrazzjoni tal-attivitatiet ta' tagħbija u ħatt u r-reġistrazzjoni ta' jekk il-vettura tintużax għall-ġarr ta' merkanzija jew ta' passiġġieri, huwa diġà disponibbli kemm fl-Unjoni kif ukoll fir-Renju Unit u għall-vetturi rreġistrati ġodda fiż-żewġ Partijiet li jwettqu vjaġġi internazzjonali, l-obbligu li jkunu mgħammra b'tali takografu japplika mill-21 ta' Awwissu 2023, f'konformità mal-liġi domestika ta' kull Parti. Madankollu, l-impriżi se jkunu jistgħu jikkonformaw mar-rekwiżit stabbilit fil-punt (f) tal-Artikolu 3(2) tat-Taqsima 2 tal-Parti C tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni biss mill-mument meta l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati tat-takografu intelliġenti 2 jiġu adattati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq. Sabiex jiġu żgurati żmien adegwat u ċarezza legali rigward l-applikazzjoni ta' dak ir-rekwiżit, u meta jitqies li d-Deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq se tiġi adottata aktar minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ tal-ispeċifikazzjonijiet dettaljati tat-takografu intelliġenti 2, jixraq li tiġi stabbilita data tal-applikazzjoni. Għalhekk, id-Deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq jenħtieġ li tapplika mill-21 ta' Frar 2024,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, stabbilit mill-Artikolu 8(1), il-punt (o) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (il-“Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq”), fir-rigward tal-użu tat-takografi u l-adattament tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-takografu intelliġenti 2, hija stabbilita fl-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President